**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Piju k/a Pinu Attard ta' 40 sena bin il-mejjet Lawrence u Marija nee Gatt li joqghod Plot 10, Triq George Mc Adam, Xaghra, Ghawdex.**
**(I.D. No 32560G)**
**u**
**Mark Agius ta' 21 sena bin Joseph u Jane nee Asciak li joqghod 'Ave Maria', Triq Birbuba, Gharb, Ghawdex.**
**(I.D. No 18580G)**

Illum 21 ta' Frar 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli fit-22 ta' Mejju 2000 ghall-habta tas-2:00p.m. u fil-gimghat ta' qabel fil-limiti tal-Munxar, (1) iddepozitaw radam, skart jew skart perikoluz f'sit li mhux sit ghar-radam, (2) iddepozitaw radam, skart jew skart perikoluz b'vettura BBF 485 ta' tip Leyland meta din il-vettura ma hiex registrata mad-Dipartiment ghall-Implimentazzjoni ta' l-Immaniggjar ta' l-Iskart, (3) fil-gimghat ta' qabel id-data hawn fuq imsemmija naqsu li jirregistraw il-vettura BBF 485, vettura li ntuzat biex garrew radam, skart jew skart perikoluz, mad-Direttur ghall-Immaniggjar ta' l-Iskart, (4) barra minhekk akkuzati wkoll talli fit-22/5/2000 naqsu li jipproducu garanzija Bankarja favur id-Dipartiment ghall-Immaniggjar ta' l-Iskart, kif ukoll naqsu li jkollhom assigurazzjoni ghad-danni Ambjentali minhabba depozitu ta' radam, skart jew skart perikoluz li gie ddepozitat fil-limiti tal-Munxar, (5) aktar talli kkagunaw jew b'xi mod hallew radam ma' skart jew skart perikoluz, (6) aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'post pubbliku jew li l-pubbliku ghandu access ghalih minghajr hlas, tefghu, waqqghu, jew iddepozitaw jew talli hallew xi haga kienet x'kienet tali mod jew cirkostanzi li tista' tikkawza jew iggieghel li thassar post fil-miftuh, (7) Pinu Attard akkuzat ukoll talli fid-data hawn fuq imsemmija u fix-xhur ta' qabel, bhala persuna li f'isimha hija rregistrata l-vettura BBF 485 naqset li tara li fl-istess vettura jkollha dejjem u kull zmien licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li flimkien mall-piena moghtija tordna wara li tinstab il-htija tar-reat/i ta' dawn ir-regolamenti biex thallas l-ispejjez mid-Dipartiment imsemmi u f'dawk ir-regolamenti, minhabba f'dawk ir-reati, u l-konfiska tal-vettura BBF 485.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti ma jirrizultax illi l-imputati kienu responsabbli minn dan l-agir lilhom addebitat u dan ghaliex hadd ma ra ir-radam de quo hlief tracci tieghu wara li apparentament tnaddaf is-sit. Lanqas il-prova tat-titolu ta' l-art u provi ohra li jistghu b'xi mod jintuzaw ghas-sejbien ta' htija ta' l-imputati.

Semghet l-ammissjoni fuq is-seba' akkuza;

Ghalhekk filwaqt illi ma ssibhomx hatja ta' l-akkuzi minn wiehed sa sitta u minnhom tilliberahom;

Issib lil Pinu Attard hati tas-seba' akkuza;

Rat l-artikolu 18 (1) tal-Kap 65, Avviz Legali 128/94 u skeda tal-Kap 65;

Tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' hmistax-il lira Maltija (Lm15).

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur